**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 260/97

Cathrine Bonello

vs

Il-Ministru tal-Edukazzjoni u d-Direttur tal-Edukazzjoni u d-Direttur tal-Libreriji li gie kjamat fir-rikors b' digriet tat-3 ta' Novembru 1998

Illum 27 ta' Frar, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrenti wara li ppremettiet illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz ghall-habta tat-8 ta' Marzu 1988, ir-rikorrenti sofriet ingustizzja konsistenti fil-fatt illi appena giet appuntata librara, l-istess appointment gie rtirat.

Illi l-fatti tal-kaz fis-semplicita` taghhom kienu s-segwenti:-

Illi fit-8 ta' Marzu 1989 ir-rikorrenti li kienet tipresta s-servizzi taghha fl-iskola primarja ta' Hal Safi u cioe` kienet tifforma parti mill-Kunsill u l-Ghaqda tal-Genituri u kienet giet ufficjalment moghtija l-appointment ta' librara u dan kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

Illi qabel giet moghtija dan l-appointment hija giet mgieghla u b'success ghamlet kors ta' tlett ijiem gewwa Belt is-Sebh f'dan il-qasam.

Illi hija giet moghtija d-dokumenti relattivi u dan kif jidher mid-dokument immarkat Dok A.

Illi minghajr ebda raguni valida fil-ligi u minghajr ma ghall-anqas bdiet taqdi d-dmirijiet godda taghha giet infurmata li l-appointment taghha gie rtirat.

Illi dan l-agir diskriminatorju qajjem reazzjoni kontra tali decizjoni u dan kif jirrizulta mid-dokumenti mmarkati bil-B u C rispettivament.

Illi konsegwenza ta' dan l-agir diskriminatorju t-tfal li jiffrekwentaw l-iskola ta' Hal Safi sprovvisti mill-uzu tal-librerija.

Illi sussegwentement l-vakanza ta' librar gewwa l-iskola ta' Hal Safi giet mimlija minn persuna ohra.
Illi r-raguni wara din id-diskriminazzjoni kienet biss wahda partigjana.

Illi hija kien bi hsiebha ggib biex issostni l-ilment taghha lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrenti kien bi hsiebha ggib prova dwarhom bix-xhieda taghhom.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti, filwaqt li ghamlet referenza ghall-fuq espost u rriservat illi tressaq dawk il-provi l-ohra kollha li jistghu jkunu necessarji u opportuni talbet lil dan it-Tribunal joghgbu jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u tinghata rimedju billi jordna li r-rikorrenti terga' tinghata l-appointment ta' librar ingustament irtirat u kumpens ta' hamest elef lira maltija (Lm5000) sabiex jaghmlu tajjeb ghat-telf li sofriet minhabba l-agir diskriminatorju fil-konfront taghha.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti prezentati mir-rikorrenti.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Kultura Nazzjonali u tal-Agent Direttur Generali ta' l-Edukazzjoni li eccepew:-

Illi preliminarjament il-Ministru tal-Edukazzjoni u l-Agent Direttur Generali ta' l-Edukazzjoni mhumiex il-legittimi

kontraditturi u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju. Il-Ministru ma jaghti ebda appointments waqt li d-Direttur Generali ta' l-Edukazzjoni mhux responsabbli ghad-Dipartiment tal-Libreriji.

Illi kif jidher mid-dokument anness ma' dokument A mehmuz mar-rikors l-ittra tal-hatra harget mis-Sur Joseph Boffa tal-Dipartiment tal-Libreriji Pubblici u ghalhekk huwa l-ufficcjal inkarigat mid-Dipartiment tal-Libreriji Pubblici li ghandu jwiegeb ghar-rikors imressaq mir-rikorrenti.

Illi fil-mertu l-intimati jichdu bil-qawwa kollha li huma b'xi mod iddiskriminaw kontra r-rikorrenti.

Ra l-lista tax-xhieda ta' l-intimati.

Ra r-risposta tad-Direttur tal-Libreriji li eccepew:-

Illi preliminarjament dan it-Tribunal m' ghandux gurisdizzjoni skond l-Artiklu 6 ta' l-Att VIII ta' l-1987 sabiex jisma' u jiddeciedi l-ilment tar-rikorrenti stante li dan jirrigwarda appointment li gie rtirat.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost skond il-letter of appointment relattiva l-intimat seta jittermina dak l-appointment skond in-necessita` u ghalhekk l-ebda diskriminazzjoni ma sehhet fir-rigward tar-rikorrenti li kienet accettat din il-kundizzjoni.

Illi kien hemm ragunijiet skond il-ligi ghat-terminazzjoni ta' l-appointment in kwistjoni u dan kif ser jirrizulta ahjar wa\qt is-smiegh tar-rikors odjern.

Ghaldaqstant l-intimat issottometta li ghar-ragunijiet fuq imsemmija dan it-Tribunal ghandu jichad l-ilment tar-rikorrenti bl-ispejjez.

Ra l-lista tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti pprezentat affidavit fejn semmiet li hi kienet tippresta s-servizzi taghha fl-iskola primarja ta' Hal Safi. Ziedet li darba fost l-ohrajn u cioe` fl-ewwel gimgha ta' Marzu tas-sena 1989 giet avvicinata mill-headmaster ta' l-iskola primarja ta' Hal Safi u nformaha li kien talab lil diversi teachers dwar jekk xtaqux jiehdu hsieb il-librerija tal-iskola izda kollha kienu rrispondew fin-negattiv. Staqsiha dwar jekk hi xtaqitx tidhol ghal din il-bicca xoghol u hi rrispondiet fl-affermattiv. Konsegwenza tad-

decizjoni li accettat giet mitluba, kif fil-fatt ghamlet, tattendi ghal kors ta' tahrig qasir ta' tlett ijiem fil-librerija pubblika ta' Belt is-Sebh fejn giet moghtija taghrif dwar x'jinvolvi x-xoghol ta' librar. Appena lestiet dan il-kors ta' tahrig marret ghand is-Sur Boffa fejn wara li vverifika li segwiet il-kors indikat taha l-appointment ta' librara mal-iskola ta' Hal Safi. Kien baqa' biss li tiddeposita d-dokumenti relattivi ghal skopijiet ta' taxxa. Hi kellha tiftah il-librerija ghall-ewwel darba fit-8 ta' Marzu 1989 fit-8.00 a.m. izda ftit sieghat qabel baghat ghaliha s-surmast u nformaha li ma kellhiex tiftah il-librerija. Qalilha li din ma kenitx decizjoni tieghu izda kellu telefonata diretta minghand il-Ministru ta' l-Edukazzjoni li nfurmah sabiex hi ma tidholx hemm gew u li kien ta' xejn minn naha tieghu li nforma li hi l-appointment kienet diga` haditu. Kienet ta' xejn il-korrispondenza li ghaddiet bejn il-Ministru u l-Kap ta' l-iskola, l-Ghaqda tal-Genituri. Kollox kien ta' xejn ghax kullhadd baqa' bla risposta. Sadanittant il-librerija baqghet maghluqa ghal hafna gimghat.

In kontro ezami r-rikorrenti qalet li ma kenitx impjegata mal-Gvern izda fit-8 ta' Marzu 1989 giet mghajta biex taghmel xoghol fil-Librerija fl-iskola ta' Hal Safi. Semmiet li l-kors li ghamlet Belt is-Sebh kien qalilha biex taghmlu l-headmaster. Kienet ghamlet interview wara kors ta' tlett ijiem quddiem is-Sur Boffa.

Joseph Debattista inkarigat mill-Librerija Pubblika fil-Furjana xehed illi xi snin ilu s-Sur Boffa kien Officer in Charge tal-

Librerija Pubblika u hu kien jahdem hemmhekk. Is-Sur Boffa kien qabbdu jittajpja l-appointment tar-rikorrenti u hu ghaddieh lura lis-Sur Boffa. Fil-file ma hemmx ir-raguni ghaliex l-appointment gie mizmum.

Mario Cacciattolo Direttur Finanzi fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni semma li d-Dipartiment tal-Edukazzjoni m' ghandu x` jaqsam xejn mal-kwistjoni prezenti u dana minhabba l-fatt li d-Dipartiment tal-Edukazzjoni u d-Dipertiment tal-Libreriji huma awtonomi minn xulxin ghalkemm jaqghu taht l-istess Ministeru tal-Edukazzjoni.

Joseph Boffa ufficjal inkarigat mill-libreriji tal-iskejjel tal-Gvern xehed li fiz-zmien in kwistjoni kien ufficjal inkarigat mill-libreriji pubblici u minn tal-iskejjel. Fit-2 ta` Marzu 1989 Catherine Bonello kienet marret ghal training maghhom ghax kienu ser jappuntawha in charge mil-librerija tal-iskola ta' Hal-Safi. Hi giet mahtura mill-kunsill tal-iskola. Ma kienux huma li ghazluha. Fit-3 ta' Marzu 1989 kien ircieva telefonata minghand il-Ministru tal-Edukazzjoni li kien qallu li ma xtaqx li tigi appuntata r-rikorrenti bhala librara u fin-notamenti li zamm fuq id-diary tieghu kellu mnizzel "Minister phoned to say that Safi branch librarian is a Labour agitator and should not be accepted", liema kliem kitbu fil-5 ta' filghaxija fit-3 ta' Marzu. Meta kien kiteb lill-permanent secretary sostna li ma jaqbilx ma' din id-decizjoni u ta r-ragunijiet ghaliex u indika li l-procedura uzata ghall-hatra tar-rikorrenti kienet kif suppost.

Ir-remunerazzjoni taghha kellha tkun ta' LM80 fis-sena. Fil-ftehim hi kien ikollha taghmel 4 sieghat xoghol fil-gimgha. Dan l-appointment kien jibqa' ghal dejjem fis-sens li kien jibqa' sakemm il-persuna jew tirtira jew tigi mkeccija.

Semma li d-dokument in kwistjoni ma kienx iffirmah minhabba li hemm l-income tax number tar-ragel taghha li huwa nieqes.

Semma li Anthony Grech kien wera l-intenzjoni tieghu fil-job wara li nqalghu l-problemi ma' Mrs. Bonello. Il-pagament isir mill-Public Libraries Department u anke l-kuntratt jigi ffirmat mill-Public Libraries Department. Id-Department of Education ma jidholx fil-kwistjoni.

Philip Borg Direttur tal-Libreriji u Arkivji semma li dan it-tip ta' appointment kien wiehed part time li jahdmu 4 sieghat f' gimgha b' rimunerazzjoni ta' Lm80 fis-sena.

L-Eccellenza Tieghu l-President Dr. Ugo Mifsud Bonnici xehed li "Jiena dak iz-zmien kont Ministru u ridt li l-branch libraries jiffjorixxu u kien ikolli rapporti dwar diskussjonijiet politici fil-branch libraries. Jiena kont kellimt lis-Sur Galea Curmi biex jaghti instructions lis-Sur Boffa li fl-ghazla tal-librarian fil-branch libraries ghandu jzomm dawn il-kriterji: m' ghandux ikun hemm diskussjoni politika u m' ghandhomx jintghazlu dawk li jkunu nies li jqanqlu dawn il-kwistjonijiet. Jigifieri l-instructions kienu dawn, ma jimpurtanix humiex nazzjonalisti jew laburisti, li jimpurtani li ma jkunux agitators, dik hija l-

kelma li jiena smajtu jghid u nahseb li dik hija l-kelma preciza li jiena kont nuza dak iz-zmien. Ma ridtx li jkun hemm fil-branch libraries nies li juzaw il-branch library bhala post ta' diskussjoni politika…

Rigward jekk kemm-il darba jiena personalment, lis-sinjorina ma nafhiex jew lis-sinjura, assolutament, ma nafhiex minn Adam. Neskludi li jiena ghidt lil dik ma rridx. Jista' jkun li ghidtlu "isma' qieghed ninsisti li min hu agitatur ikun min ikun f' liema skola jkun m' ghandux jigi maghzul ''.

**KONLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrenti kienet applikat ghall-post ta' librara ghall-iskola ta' Hal-Safi liema post kien ta' natura part-time b' erba' sieghat fost il-gimgha u kumpens finanzjarju ta' Lm80 fis-sena. Ir-rikorrenti giet maghzula, intbaghtet taghmel kors ta' tlett ijiem u l-appointment kien hiereg salv il-fatt li kien ghad jonqos li tissuplixxi certu dettalji rigward taxxa. Izda f' daqqa wahda dan l-appointment waqaf wara l-intervent tal-Ministru li kif spjega x-xhud Boffa r-rikorrenti kienet "a Labour agitator" u skond kif qal l-istess Ministru m' ghandhomx jintghazlu dawk li jkunu nies li jqanqlu kwistjonijiet politici kemm jekk Nazzjonalisti sew jekk Laburisti.

Il-Ministru tal-Edukazzjoni eccepixxa li mhux il-legittimu kontradittur. Dwar dan it-Tribunal jaghmel referenza ghall-Artikolu 181(B) tal-Kap 12 "Il-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-

Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni."

Dan ifisser li l-azzjoni tar-rikorrenti qatt ma messha saret fil-konfront tal-Ministru tal-Edukazzjoni izda kontra d-Direttur tal-Libreriji kif ser jinghad hawn taht. Ghalhekk jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

Id-Direttur Generali tal-Edukazzjoni eccepixxa wkoll li mhux il-legittimu kontradittur. Matul il-kors tal-kawza rrizulta li l-appointment kien mad-Dipartiment tal-Libreriji li jaqa' taht il-Ministru tal-Edukazzjoni izda huwa dipartiment indipendenti u awtonomu minn dak tal-Edukazzjoni. Ghalhekk jilqa' l-eccezzjonijiet tad-Direttur tal-Edukazzjoni li mhux il-legittimu kontradittur u jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

Dwar l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur tal-Libreriji u cioe` li t-Tribunal m' ghandux gurisdizzjoni skond l-Artikolu 6 tal-Att VIII tal-1997 din certament ma tistax tigi milqugha ghax tirreferixxi ghal hatra, liema hatra hija specifikament imsemmija fl-Artikolu 6 imsemmi. Ghalhekk jichad din l-eccezzjoni.

It-tieni eccezzjoni tad-Direttur tal-Libreriji ssemmi li l-intimat seta' jittermina l-appointment skond in-necessita`. Sostna li kien hemm raguni ghat-terminazzjoni tal-appointment. Dwar dan jinghad li rrizulta fil-kors tal-kawza li kien hemm tliet kategoriji biex persuna tista' tapplika u li r-rikorrenti applikat taht it-tielet kategorija, it-talba taghha giet studjata u milqugha, intbaghtet

taghmel kors u interview u kienet ser tohrog il-hatra. Jidher li r-raguni ghaliex ma haditx din il-hatra kienet li fil-fehema tal-Ministru tal-Edukazzjoni ta' dak iz-zmien hi kienet agitator politiku u ghalhekk il-Ministru hass li ma kellhiex tinghata l-hatra.

Dan it-Tribunal isib ferm difficli li jaccetta f' sens ta' gustizzja dan ir-ragunar. Hawn qedghin nitkellmu fuq apprezzament tal-provi u mhux tant punti legali. Illum il-gurnata ghadda z-zmien li persuna minhabba l-inklinazzjonijiet politici li thaddan ma tkunx tista' tokkupa karigi u ghalhekk hu fatt li jafu kullhadd li diversi chairmen, diretturi, u kapijiet ta' korpi parastatali kienu hargu ghall-politika, u whud minnhom jokkupaw karigi importanti fil-partiti politici. Wiehed isib diversi kunsilliera li jirrapprezentaw partiti politici li jokkupaw karigi mal-Gvern, u din hija haga pubblika u approvata mill-mexxejja taz-zewg nahat tal-pajjiz. M' ghadux iz-zmien li persuna jekk tkun identifikata ma' xi grupp m' ghadhiex tista' tokkupa certu karigi. Ghalhekk it-Tribunal ihoss li librara li taghti erba' sieghat fil-gimgha fi skola primarja bhala librara certament mhiex skwalifikata milli tokkupa tali kariga jekk fil-fatt hi ghandha fehmiet politici li hafna minn nies jafu bihom. Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal ma jsib xejn li kellu jostakola lir-rikorrenti milli tiehu l-hatra li applikat ghaliha u f' dan is-sens isib li saret ingustizzja fil-konfront tar-rikorrenti specjalment meta wiehed jara li ma kien hemm ebda kundizzjoni ta' din in-natura ghal persuna li tapplika.

Hawnhekk it-Tribunal irid jaghmilha cara li b’ ebda mod m’ hu qieghed japprova li xi persuna waqt il-hin tax-xoghol taghha titkellem dwar aspetti politici jew li b’ xi mod tippromwovi xi settur politiku ta’ xi naha u certament mhuwiex sejjer b’ ebda mod jiddefendi l-agir ta’ xi persuna li taghmel dan. Certament li t-Tribunal li kieku r-rikorrenti giet moghtija l-hatra u rrizulta wara li matul il-hin tax-xoghol hi inkludiet xi aspetti politici fl-agir taghha, it-Tribunal kien jiccensura dan, u li kieku saret terminazzjoni tal-impjieg taghha fuq dan il-bazi li jigi ppruvat, zgur li kien isibu gustifikat izda kif jista’ t-Tribunal jikkundanna persuna ta’ agir li ma jaqbilx mieghu izda li fil-fatt qatt ma seta' sar ghax ir-rikorrenti qatt ma bdiet tahdem f' dak ix-xoghol! Certament it-Tribunal ma jistax isib persuna hatja ta’ dak li certament ma ghamiltx.

Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni tal-kjamat in kawza Direttur tal-Libreriji, isib l-ilment gustifikat. F’ dan il-kaz it-Tribunal ma jhossx li f’ dan l-istadju ghandu jordna rimedju kumpensattiv izda biss jistabilixxi kumpens finanzjarju. Ta’ min jinnota li kieku stess ir-rikorrenti ghamlet ix-xoghol kien ikollha kumpens ta’ Lm80 fis-sena li kalkulat fuq bazi ta’ 20 sena itella’ Lm1600 izda x-xoghol ma sarx u anqas it-tbatija u l-irbit tieghu u ghalhekk it-Tribunal ihoss li kumpens ta’ Lm600 [sitt mitt lira] huwa sufficjenti. Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jirrikmanda hlas ta’ kumpens ta’ Lm600 lir-rikorrenti.

Spejjez kontra l-kjamat in kawza Direttur tal-Libreriji.